Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.10327 — Elexent/GP JOULE Connect/Elexent DACH JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 231/06)

1. Fit-8 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Elexent Holding SAS (Franza, "Elexent"), li tappartjeni għall-Grupp Renault,

— GP JOULE Connect GmbH (il-Ġermanja, "Connect"), li hija kkontrollata b'mod konġunt minn GP JOULE GmbH, Reußenköge (il-Ġermanja) u Minol Brunata GmbH (il-Ġermanja),

Elexent u Connect jakkwistaw, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll konġunt ta' Elexent Dach GmbH ("l-impriża konġunta").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Elexent: tgħin lill-klijenti fil-ħolqien ta' strateġiji ottimizzati tal-enerġija billi tfassal l-aqwa infrastruttura tal-iċċarġjar li tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom, twettaq superviżjoni tal-installazzjoni u tal-implimentazzjoni, u tissorvelja l-operat u l-manutenzjoni. Elexent hija parti mill-manifattur globali tal-karozzi, il-Grupp Renault,

— għal Connect: attiva fi proġetti ġodda ta' mobilità. Connect tippjana u timplimenta proġetti relatati mal-prodotti ewlenin ta' konsultazzjoni, infrastruttura tal-iċċarġjar, qsim/ġbir u ġestjoni tal-iċċarġjar u tal-enerġija għall-industrija tad-djar, flotot, forniturі tal-enerġija, operaturi tal-karozzi u tal-infrastruttura. Connect tappartjeni (i) għall-Grupp GP JOULE li huwa ffukat fuq is-settur tal-enerġija rinnovabbli u (ii) għall-Grupp Minol li huwa attiv b'mod predominanti fis-servizzi ta' kejl, servizzi ta' kontijiet, u IoT, fl-elettromobbiltà, u f'soluzzjonijiet ta' kondiviżjoni,

— għall-IK: L-IK għandha l-ħsieb li toffri soluzzjonijiet imfassla apposta u lesti biex jintużaw lill-klijenti professjonali ta' OEMs sħab differenti f'termini ta' ċċarġjar ta' vetturi elettriċi (inkluż analiżi/reviżjoni tal-proġett, operat, appoġġ fil-finanzjament, l-installazzjoni, il-manutenzjoni u ottimizzazzjoni tal-iċċarġjar). Barra minn hekk, l-IK se tipprovdi pariri lill-klijenti dwar il-mobbiltà elettrika. L-IK se tkun attiva fil-Ġermanja u huwa previst li l-IK se tiżviluppa attivitajiet fl-Awstrija u/jew fl-Iżvizzera.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10327 — Elexent/GP JOULE Connect/Elexent DACH JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË